MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2187/2002

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Joseph Hammett**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-awtorita attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm942.45) rappresentanti spejjez li harrget l-awtorita attrici meta fil-31 ta' Jannar 1995 hija harrget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF/109/95/ENMU/NENF, kopja ta' liema avviz hija annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument IJS1, f'isem il-konvenut. Illi l-istess Awtorita attrici in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta'l-Att numru 1 ta'l-1992 kif sussegwentement emendat permezz ta'l-Att numru XXI ta'l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji

biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess Avviz. Illi kopja ta'l-*invoice* numru 1724 tad-29 ta' Novembru 2000 in konnessjoni ma'l-ispejjez inkorsi hija annessa ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument IJS2.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta ipprezentata mill-konvenut fil-25 ta' Settembru 2002 fejn huwa eccepixxa illi din l-kawza hija tentattiv ta' abbuz ta' poter. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi fil-jiem li l-attur kien ser jibda x-xoghol kien hemm inibizzjoni mahrug mill-Qorti fil-konfront tieghu. Meta l-inibizzoni giet michuda kien l-konvenut li ghamel x-xoghol kollu ta' twaqqiegh. L-attur qieghed jitlob l-ammont ta' Lm942.45 ta' xoghol li qatt ma sar minnu.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Agius in rappresentanza ta'l-awtorita attrici u ta' Valerie Vella.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi din il-kawza tikkoncerna *direct action* li ittiehdet mill-Awtorita attrici u dana in forza tal-poteri lilha moghtija bl-Att nurmu I ta'l-1992 kif sussegwentement emendat u dana fuq il-villa Youkishaw, Triq J.Howard, San Pawl tat-Targa proprjeta tal-konvenut. L-avviz in kwistjoni hareg fil-31 ta' Jannar 1995 u dana kif jirrizulta mid-Dokument JS1 esebiet a fol.2 tal-process. Ix-xogholijiet li l-konvenut kien wettaq minghajr l-permessi relattivi tal-bini kienu jikkonsistu f'estenzjoni ta' terrazzin. Illi l-konvenut ha l-mezzi kollha skond il-ligi sabiex iwaqqa' din d-decizjoni ta'l-awtorita izda huwa tilef l-appell minnu intavolat fit-22 ta' Jannar 1997. Illi l-konvenut ghalhekk baqa' ma ottemperax ruhu ma' dan l-avviz u ghalhekk l-awtorita attrici iddecidiet li tiehu l-azzjoni apposita ghat-twaqqiegh

ta’ din il-kostruzzjoni, sahansitra tlett snin wara. Il-konvenut kien ukoll ipprezenta tlett applikazzjonijiet li kollha gew rifjutati.

Il-konvenut ma kienx avzat li ser tittiehed l-azzjoni u dana skond il-ligi vigenti f’dak iz-zmien, izda kien irceva *enforcement notice* fejn gie avzat illi l-istruttura illegali kienet ser titwaqqa’ fi zmien hmistax-il gurnata. Il-konvenut ghalhekk kien intavola mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 3179/2000 liema talba giet milqugha provvisorjament u dana sakemm l-awtorita tkun tista’ tipprezenta r-risposta taghha. Dana id-digriet gie moghti fis-6 ta’ Settembru 2000 u ghalhekk meta il-haddiem ta’l-awtorita marru sabiex jibdew ix-xoghol ta’ demolizzjoni, hija kienet ghada ma gietx innottifikata b’dan il-mandat. Il-haddiema marru fuq il-post fis-6:00a.m. u l-mandat gie innotifikat lilhom fit-8:30a.m. u dana meta x-xoghol kien ghadu kemm inbeda. Ghandu jinghad madanakollu illi kemm l-konvenut kif ukoll Valerie Vella, li xehdet f’dawn il-proceduri, kienu wrew kopja tal-mandat ta’ inibzzjoni lis-sur Felice, bhala rappresentant ta’l-Awtorita attrici u tallbuh jistenna ftit tal-hin iehor. Ghalhekk kienu stennew sat-7:45a.m., imbaghad ipprocedew bix-xogholijiet xortawahda, liema xogholijiet damu ghaddejjin ftit tal-hin biss ghaliex hekk kif gie ikkonfermat lilhom li kien gie ipprezentat il-mandat huma waqqfu mix-xogholijiet immedjatament. Dana il-mandat gie sussegwentement michud u permezz ta’ittra datata 12 ta’ Settembru 2000 (ara Dokument JP3 a fol.32), l-konvenut talab lill-Awtorita attrici sabiex jezegwixxi x-xoghol ta’ demolizzjoni huwa stess, kif fil-fatt ghamel, liema xogholijiet swewlu l-ammont ta’ Lm402 (ara xhieda ta’ Valerie Vella u Dokument VV1 a fol.49).

Illi rigward il-quantum ta’l-ispejjez mitluba mill-awtorita attrici u li qed jigu ikkontestai mill-konvenut, ix-xhud Jospeh Agius in rappresentanza ta’l-Awtorita attrici isostni illi generalment il-haddiema jiltaqghu siegha qabel ma jinbeda ix-xoghol u ghalhekk f’dan il-kaz iltaqghu fil-hamsa ta’ fil-ghodu. Inoltre huma jibqghu nofs siegha wara li jintemm ix-xoghol. F’dan il-kaz il-haddiema damu mill-5:00a.m. sat-8:30a.m., izda fil-kaz tal-kuntrattur dana

xortawahda jitlob il-hlas ghal gurnata shiha ta' xoghol u ma jithallasx bis-sighat. Il-hlas ghalhekk xortawahda intalab u dana peress illi n-nies xortawahda inqalghu u xorta kellu isir il-hlas ghall-ingenji. Il-hlas li thallsu l-istaff ta'l-awtorita u lill-membri tal-korp tal-pulizija kien hlas ghal erba sighat xoghol.

Ricevuti tal-hlasijiet li gew effetwati mill-Awtoirta ta'l-Ippjanar baqghu ma gewxipprezentati, izda gew esebieti l-invoices relattivi.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut qieghed jeccepixxi illi l-azzjoni mehuda mill-Awtorita attrici tikkostitwixxi abbuz ta' poter minhabba il-fatt illi hija kienet giet infurmata qabel ma inbdew ix-xogholijiet illi kien hemm mandat ta' inibizzjoni pendenti sabiex jitwaqqfu ix-xogholijiet ta' demolizzjoni. Inoltre meta dan l-istess mandat gie michud il-konvenut ezegwixxa ix-xoghol kollu hu u ghalhekk jikkontendi illi anke fuq bazi ta' ekwita', it-Tribunal ma ghandux jilqa' it-talba attrici.

Illi qabel xejn irid jigi rilevat illi t-Tribunal ma jarax kif l-azzjoni intentata mill-Awtorita attrici tista' b'xi mod tikkostitwixxi abbuz ta' poter , meta kien l-istess konvenut illi ikkometta abbuz meta kompla jikser il-ligi ghal zmien twil ghalkemm kien gie debitament avzat mhux ftit taz-zmien qabel.  Fil-fatt l-appell tieghu kien gie michud sahansitra fl-1997 u l-Awtorita ma kienet hadet l-ebda azzjoni u dana sa Settembru tas-sena 2000. Kwindi l-konvenut kellu zmien bizzejjed oltre pre-avviz ragjonevoli sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u l-Awtorita ma ghamlet xejn hlief li ezercitat il-jeddijiet u l-poteri koncessi lilha bis-sahha ta'l-Att numru I tas-sena 1992 kif sussegwentement emendat. Inoltre il-mandat ta' inibizzjoni li jaghmel referenza ghalih l-konvenut kien ghadu ma hux innottifikat lill-Awtorita attrici kif kellu isir skond id-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2000 u kwindi l-Awtorita ma setghet qatt tkun taf bih meta hija marret sabiex twettaq dak li kellha kull dritt taghmel l-ghada fis-7 ta' Settembru 2000. Fil-fatt, hekk kif ir-rappresentanti ta'l-

Awtorita li kienu fuq il-post saru jafu bil-mandat, ix-xogholijiet twaqqfu immedjatament.

Illi l-konvenut jargumenta inoltre fit-trattazzjoni orali tieghu, illi fuq bazi ta' ekwita, it-Tribual ma ghandux jikkundannah ihallas l-ammont pretiz mill-awtorita attrici stante illi fil-fatt ix-xoghol ta' demolizzjoni gie esegwit minnu u mhux mill-Awtorita li ghamel ftit minuti ta' xoghol biss fuq il-post, oltre li l-ammont mitlub huwa ezorbitanti, peress illi meta ezegiwxxa ix-xoghol hu personalment, hallas nofs dak li qieghed jintalab mill-Awtorita'.

Illi t-Tribunal, jaghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta'l-Appell (Inferjuri) fir-rigward tas-setgha moghtija bl-artikolu 7 tal-Kapitolu 380 lit-Tribunal li jiddeciedi l-kawzi principalment fuq bazi ta' ekwita'. Il-Qorti stqarret:

"M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza." – Vella Edwin vs Briffa Joanna 7 ta' mejju 2004 (Appell Civili Inferjuri).

Illi mehud dan in konsiderazzjoni, madanakollu, l-Qorti stqarret illi t-Tribunal fid-decizjonijiet tieghu ma jista' qatt jiskarta dak li tiddisponi il-ligi ghaliex altrimenti hekk tinholoq sitwazzjoni ta' illegalita', li tmur kontra il-principju tal-ekwita:

"Ikun l-ikbar kontro-sens li jinghad li minhabba konsiderazzjonijiet ohra , li fil-fehma tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati u negati meta huwa evidenti illi dana ma ikun xejn hlief illegalita li minnha innifisha ma hiex konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta'l-ekwita'."

Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, l-Awtorita ma ghamlet xejn ghajr li tezercita l-poteri lilha koncessi skond il-ligi. Illi Joseph Agius fix-xhieda tieghu jiggustifika l-ammont mitlub u dana peress illi fir-rigward ta'l-istaff ta'l-Awtorita u tal-korp tal-pulizija, l-hlas li qed jintalab huwa biss tal-hin li l-istess nies damu fuq il-lant tax-xoghol u fir-rigward tal-kuntrattur u ta'l-ingenji, huwa ighid illi dawn jithallsu xortwahda ta' gurnata xoghol irrispettivament min-numru tas-sieghat li effettivament jahdmu u ghalhekk l-ammont mitlub huwa wiehed ragjonevoli ghac-cirkostanzi tal-kaz. Huwa ovvju illi meta l-konvenut ezewgixxa x-xoghol huwa personalment, l-ammont li hallas gie ferm inqas u dana peress illi inqas nies kienu involuti u in-natura tax-xoghol ma kenitx wahda ta' infurzar. Fuq kollox li kieku l-konvenut ezegwixxa dawn ix-xoghlijiet meta kellu jaghmel dan u ottempera ruhu mal-ligi, huwa kien jevita li ihallas l-ammont miltub f'din il-vertenza. Ghalhekk it-Tribunal ma jista' qatt jisancixxi ksur tal-ligi da parti tal-konvenut u jaghtih il-mahfra fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwita!

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm942.45), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------